MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 2470/2003

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Maria Victoria Izzo Clarke (ID 372862M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Maria Victoria Izzo Clarke**
**vs**
**Aaron Sultana (ID 122795M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta Dicembru 2003, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' erba mija u erbgha liri tlieta u ghoxrin centezmu (Lm404.23) rapprezentanti danni kkagunati f'incident stradali tal-15 ta Novembru 2002 f'Tal-Handaq, Qormi bejn il-vettura numru EBA 346 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru KAL 856 misjuqa minn u proprjeta tal-attrici Maria Victoria Izzo Clarke liema vettura kienet assigurata taht polza comprehensive mas-socjeta attrici u liema incident sehh unikament tort tal-konvenut

minnhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta ittra ufficcjali datata 13 ta Ottubru 2003 u ta l-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma dan l-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut u bl-imghaxijiet legali mit-13 ta Ottubru 2003 sal-gurnata tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut datata 9 ta Jannar 2004 fejn ikkontesta t-talba attrici stante li ma kellu ebda htija tal-incident in kwistjoni.

Ra l-provi mressqa fosthom ix-xhieda moghtija u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra;

Illi skond ir-rapport mhejji mill-Pulizija Dok GM1 gie rrappurtat a tempo vergine li l-incident sehh meta z-zewg vetturi kienu mixjin fl-istess trieq fid-direzzjoni opposta. Kif waslu fejn xulxin il-vetturi kienu vicin hafna tant li l-attrici waqfet u l-vann misjuqa mill-konvenut li baqa miexi laqghatha bic-cappetta ta' wara. Il-konvenut jikkonferma dan l-akkadut billi gie rappurtat li qal testwalment "Ikkalkulajt li nghaddi u jiena rajtha niezla l-isfel u lqatta b'wara". Fix-xhieda tieghu PS 160 Mario Mifsud jispjega li ma kienx sar skizz peress li l-konvenut kien telaq minn fuq il-post. Meta huwa baghad ghall-konvenut, jiftakar li kien nizzel testwalment fir-rapport tieghu dak li qallu l-istess konvenut u li dan ta l-ahhar kien ammetta mieghu li lill-attrici laqghatha bil-parti ta wara tal-vettura tieghu u cioe ezattament kif tallega l-attrici.

Fix-xhieda taghha l-attrici tikkonferma l-verzjoni li hija tat lis-surgent. Izzid tghid pero', li f'xi mument qabel il-habta, iz-zewg vetturi kienu waqfu faccata ta xulxin stante li kien hemm diffikulta biex ighaddu t-tnejn f'daqqa minnhabba nuqqas ta spazju kkagunat minn vetturi ohra pparkjati fuq iz-zewg nahat tat-trieq. L-attrici ikkalkulat li ma setghetx tghaddi u kwindi baqghet b'wieqfa filwaqt li l-konvenut

rega beda jsuq u pprova jghaddi xorta wahda. Hekk kif kien ghaddej minn ma gemba laqtilha l-vettura taghha fuq il-parti ta wara taghha u baqa sejjer. Din il-verzjoni taghha regghet ikkonfermtha permezz ta statement u skizz miktub minnha u esebit markat Dok VC1 u Dok VC2.

Fix-xhieda tieghu l-konvenut jikkonferma li hekk kif iz-zewg vetturi gew faccata ta xulxin, l-attrici waqfet u huwa baqa jsuq. Huwa kkalkula li seta jghaddi u ghalhekk ipproceda biex ighaddi l-vettura ta l-attrici pero meta wasal biex ighaddiha bic-cappetta ta wara, sema hoss u waqaf – cioe ghalhekk b’hekk sa hawn huwa kkonferma bil-gurament tieghu l-verzjoni li kien ta lill-pulizija. Izid ighid pero li huh li kien qed ihares fuq wara informah li l-impatt sehh ‘il ghaliex f’mument minnhom il-vettura tal-attrici resqet ftit fuq wara u b’hekk laqtghet hi l-vann u mhux il-vann laqghatha. Jigi osservat mit-Tribunal li din il-parti tal-verzjoni dwar huh ma ssemmietx fir-rapport tal-pulizija kif lanqas tnizzel dan huh bhala xhud. Meta gie muri l-iskizz imhejji mill-attrici, l-konvenut ighid li jaqbel li huwa kien ftit immejjel filwaqt li l-attrici baqghet f’posizzjoni dritta.

Xehed ukoll hu l-konvenut Darren Sultana li bejn wiehed u iehor jikkonferma l-verzjoni ta huh. Fil-mument krucjali tal-impatt ighid li hekk kif il-vann kien kwazi ghadda l-vettura tal-attrici, din ta l-ahhar ipprovat taqla u biex ghamlet din il-manuvra mxiet lura ftit bil-konsegwenza li laqtghet ic-cappetta.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li fic-cirkostanzi ghandha tqis il-verzjoni moghtija mill-attrici bhala l-aktar kredibbli u kwindi ghandha tiskarta ghal kollox l-ispjegazzjoni attentata mill-konvenut. Dana qed jinghad mhux biss semplicement minnhabba l-kontenut tax-xhieda rispettiva moghitja izda anke in vista ta certi fatturi ohra cirkostanzjali li jaghtu aktar kredtu lill-attrici, fosthom is-segwenti:-

i. kulhadd qabel li l-attrici waqfet u kien il-konvenut li baqa miexi – ghalhekk ma kien hemm ebda raguni ‘il

ghala l-attrici kellha taqla jew tersaq lura qabel ma kien ghaddiha l-vann;

ii. Fir-rapport moghti lill-pulizija, l-konvenut ighid car u tond li l-habta grat peress li huwa baqa miexi, ghamel kalkolu hazin u kwindi laqghatha bic-cappetta tieghu ta wara – f’ebda hin ma jsemmi li l-attrici mxiet lura jew li huh ra lill-attrici miexi lura jew li huh kien prezenti – tant hu hekk li huh Darren Sultana lanqas biss ma kien gie ndikat bhala xhud okulari fl-imsemmi rapport;

iii. Il-konvenut jikkonferma l-iskizz maghmul mill-attrici oltre li jikkonferma wkoll li huwa kien immejjel fil-waqt li l-attrici kienet u baqghet f’posizzjoni dritta;

iv. Li kieku l-incident sehh ghax l-attrici resqet lura u laqghtet ic-cappetta, n-natura tal-hsarat taghha ma kienux jigru kif murija fuq ir-ritratti a fol 13 tal-process u cioe il-body part taghha kienet tkun tidher mghafga ‘il gewwa u mhux kif inhi cioe migbuda ‘il barra – sinjal li c-cappetta gibditha ‘il barra u mhux hi dahlet goc-cappetta.

Illi jigi notat li ma hemmx kontestazzjoni fuq il-quantum tad-danni.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi ghar-ragunijiet premessi huwa jsib lill-konvenut Aaron Sultana unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni u kwindi ghad-danni kkagonati fil-vettura tal-attrici Maria Victoria Izzo Clarke u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi s-somma rikjesta ta erba mija u erba liri tlieta u ghoxrin centezmu (Lm404.23) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-13 ta Ottubru 2003 u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------